# Tissemma l-Vara ta' Sant'Andrija f'dokument tal-1772

Lorenzo Zahra

Iltqajt ma' dokument li jsemmi l-istatwa tal-injam ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa.

Dan id-dokument iġib id-data tat-3 ta' Diċembru 1772 u jitratta dwar is-somma ta' flus li minnha serviet bħala ħlas biex saret jew issir l-istatwa tal-injam ta' Sant'Andrija.

Id-dokument jgħid li Dun Angelo Ellul, li nifhem kien il-prokuratur tal-knisja, iddikjara li kien issellef 1000 skud mingħand Antonuccio Rizzo u ommu Marija skont kuntratt li ma jsemmix għand min jew meta sar.

Jgħid ukoll li b'att ieħor għand Morales, kienu ġew ikkaxjati 600 skud minnhom li wara tħallsu lura.

Skont il-ftehim li kien sar, din id-differenza kellha tingħata lura jew bi flus jew b'xi biċċa art.

Jidher li fil-frattemp, Marija l-omm ta' Antonuccio mietet u ma laħqitx ħallit xi kundizzjoni oħra, allura dan Antonuccio hawn qiegħed jiddikjara li d-differenza ser iħalliha għal akkwisti ta' Statwa tal-injam li turi lil Sant'Andrija u din għall-knisja ta' Ħal Luqa. Huwa qed jiddikjara dan permezz ta' din il-kitba billi ommu Marija ma kinitx stqarret dan jew xi kundizzjoni oħra fit-testment tagħha.

Għal din id-dikjarazzjoni xehdu wkoll il-Kappillan Dun Ġwann Mikiel Maxtas, Dun Lawrenz Caruana, Fraġisku Vassallo, Mikiel Zammit, Fraġisku Cassar, Carlu Aquilina u Indri Borg.

Din il-kitba ġiet reġistrata minn Nutar Ignazio Bonavita Kanċillier fid-19 ta' Lulju 1770.

**Referenza:**
AAM-Arkivju Mater Dei A/C Vol-132 (1772-1773) FOL801

## Dak li jkanta, jitlob doppju.

*Santu Wistin*